BORMLA
Città Cospicua

**KUNSILL LOKALI BORMLA** **IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI** **SEDUTA NRU. 20**

**IL-ĦAMIS 14 TA' OTTUBRU, 2010**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' b'urġenza nhar il-Ħamis 14 ta' Ottubru, 2010 fis-6.30 ta' fil-għaxija fl-Uffiċċju Amministrattivi tal-Kunsill.

**PREŻENTI ( Ħames Kunsillieri )**

**Is-Sindku** Joseph Scerri, **il-Viċi Sindku** Alison Zerafa u **l-Kunsilliera** Raymond Balzan, John Vella, Pablo Cachia Belli u Roderick Mamo.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Joseph Caruana.

Skużat: Il-Kunsillieri James Cauchi u Raymond Balzan (Il-Kunsill approva l-assenza tagħhom)

**AGENDA**

1. Jum Bormla 2010

**TALBA**

**Is-Sindku Joseph Scerri** qal it-talba.

**20/01 JUM BORMLA 2010**

20/01/01 Is-Sindku appella biex l-individwu propost għal Ġieħ Bormla għandu jkun persuna li għamlet ġieħ jew ġid lill-belt ta' Bormla jew lir-residenti.

20/01/02 Wara diskussjoni twila, is-Sindku propona lill-kittieb u artist is-Sur Sunny Aquilina li hu pensjonant, fejn fil-preżent qed jgħati servizz utli liż-żgħażagħ tal-lokal. Is-Sur Aquilina hu fil-Kunsill Pastoral tal-lokal. Bħala kompożitur kiteb żewġ kanzunetti 'My Dream' u 'The One That I Love' li rebħu l-festival 'Kanzunetta għall-Ewropa' u wara rrappreżentaw lil Malta fil-Eurovision Song Contest.

Il-Kunsillier John Vella issekonda r-riżoluzzjoni mressqa mis-Sindku fejn wara votazzjoni ġiet approvata unanimament.

20/01/03 Sar qbil unanimu li jsir feature dwar is-Sur Peppi Delceppo kif ukoll jiġu mistiedna l-kantanti Chiara u Thea li nterpretaw il-kanzunetti tal-kompożitur Sunny Aquilina fil-Eurovision Song Contest.

20/01/04 Ġie ndikat li l-Kunsill għandu javża l-Arċipriet biex fid-19 ta' Novembru, 2010, f'Jum Bormla, jqaddes quddiesa ta' l-okkażjoni.

Fis-7.45pm, il-laqgħa ġiet dikjarata magħluqa

| | |
|---|---|
| Joseph Scerri | Joseph Caruana |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |